MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2008

Appell Civili Numru. 34/2008

**Rikors skond l-Att dwar iz-Zwieg Kap. 255 fl-ismijiet:-**

**Saviour Nappa**

**v.**

**Anna Nappa**

**Il-Qorti:**

Dan huwa digriet wara rikors maghmul fid-29 ta' Settembru 2008 minn Saviour Nappa li bih qed jitlob lil din

il-Qorti tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra fit-termini tal-Artikoli 23 u 24 tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255) id-decizjoni moghtija mit-Tribunal Metropolitan ta’ l-Arcidjocesi ta’ Malta tat-30 ta’ April 2008 (Prot. N. 06.118) u kkonfermata b’Digriet ta’ Ratifika tat-Tribunal Regjonali tat-Tieni Istanza fil-5 ta’ Settembru 2008 (Prot. N. 08/50); id-Digriet ta’ Ezekuttivita` ta’ dawn is-sentenzi gie moghti fis-26 ta’ Settembru 2008. Din id-decizjoni ddikjarat null iz-zwieg kattoliku tal-partijiet Saviour Nappa u Anna Cassar celebrat fil-Knisja Parrokkjali ta’ San Duminku, Valletta fid-29 ta’ Gunju 1980. Kopji awtentici tad-decizjoni moghtija mit-Tribunal Metropolitan ta’ l-Arcidjocesi ta’ Malta, tad-Digriet ta’ Ratifika mahrug mit-Tribunal Regjonali tat-Tieni Istanza u tad-Digriet ta’ Ezekuttivita` huma ezibiti fl-inkartament u mmarkati rispettivament bhala Dok B, Dok C u Dok D.

Il-Qorti rat l-Artikolu 24 tal-Kap. 255;

Ikkonstatat illi l-istess Tribunal Regjonali tat-Tieni Istanza irrilaxxja dikjarazzjoni ta' ezekuttivita` u ghalhekk dawk id-decizjonijiet jistghu jigu rikonoxxuti;

Rat illi Anna Nappa debitament notifikata bir-rikors tad-29 ta’ Settembru 2008 baqghet ma pprezentatx risposta;

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku tal-14 ta’ Ottubru 2008 li permezz taghha ma opponiex ghar-registrazzjoni;

Semghet bil-gurament lil Anna Nappa gia` Cassar fl-udjenza tas-6 ta’ Novembru 2008, fejn din ikkonfermat li hija kienet taf bil-proceduri inizjati quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku bil-petizzjoni ta’ Saviour Nappa tal-5 ta’ Settembru 2006 u li hi kienet giet notifikata bihom; din il-kjarifika din il-Qorti riditha f’dan il-kaz peress li mis-sentenzi tat-Tribunali Ekklezjastici ma kienx jirrizulta car jekk l-intimata Cassar kienitx fil-fatt giet notifikata bl-atti. Spjegat ukoll fl-imsemmija udjenza li ghalkemm kienet taf bl-imsemmija proceduri hija ma kkoperatx mat-Tribunal tal-prim istanza ghax ma kellhiex interess f’dawk il-proceduri;

Sodisfatta illi ma jezisti ebda ostakolu ghal din l-ezekuzzjoni;

Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra kif imiss id-decizjoni definittiva ta' l-imsemmi Tribunal Regjonali tat-Tieni Istanza tal-5 ta’ Settembru 2008 (Prot. N. 08/50) li kkonfermat decizjoni precedenti tat-Tribunal Metropolitan ta’ l-Arcidjocesi ta’ Malta tat-30 ta’ April 2008 (Prot. N. 06.118) li ddikjarat null iz-zwieg bejn Saviour Nappa u Anna Cassar celebrat fil-Knisja Parrokkjali ta’ San Duminku, Valletta fid-29 ta’ Gunju 1980 u dana skond ma jipprovdu l-Artikoli 23 u 24 tal-Att dwar iz-Zwieg, Kap. 255.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------